KUNSILL LOKALI | KALKARA | LOCAL COUNCIL

**MINUTI**

**Laqgħa tal-Kunsill Lokali Kalkara**

# Is-8 LEĠISLATURA

## Laqgħa b'urgenza numru 8.23A

4 t'Awissu 2023

Il-Kunsilli Lokali Bormla ltaqa' fl-Uffiċċju Amministrattiv tiegħu li jinsab fl-indirizz 1/ 2, Binja tas-Salvatur, Triq Luigi Pisani, Kalkara, fis-13:00.

**PREŻENTI:**

Wayne Aquilina - Sindku
Vincent Bongailas - Vici-Sindku
Maria Sultana - Kunsillier
Speranza Chricop - Kunsilliera

Membri tal- Pubbliku: (0)

**ASSENTI b'APOLOĠIJI (Skont Ordni Permanenti 14A (3):**
Christopher Bruno - Kunsillier

**ASSENTI:**
Nil

**UFFIĊJAL PREŻENTI:**
Duncan Hall – Deputat Segretarju Eżekuttiv

## Minuti

Is-Sur Wayne Aquilina, Sindku, ippresjeda l-laqgha

### Qari ta' ittri ta' apologija

Is-Sindku informa lill-membri tal-Kunsill prezenti illi l-Kunsillier Christopher Bruno kien infurmah illi minhabba ragunijiet ta' xoghol ma kienx ser ikun jista' jattendi ghas-seduta b'urgenza. Kien hemm qbil unanimu bejn il-Kunsilliera prezenti illi l-assenza tal-Kunsillier Bruno kellha tigi meqjusa gustifikata

### 8.23A1 PA 03920/22 - site at Smart City Malta, Plot A, Ricasoli, Kalkara

Is-seduta bdiet bis-Sindku jinforma lill-Kunsill Lokali bil-mottiv tas-sejha ghal-laqgha b'urgenza u zviluppi li kien hemm b'konnessjoni ma' PA03920/22, liema applikazzjoni kienet tikkoncerna rigenerazzjoni ta' spazju dilapidat fi hdan Smart City. Is-Sur Aquilina sahaq illi fil-gurnata precedenti kienet ittiehdet decizjoni mill-Awtorita tal-Ippjanar u fil-lokalita' kien inholoq xi ftit disgwid ghal rapport li deher fuq gurnal li kien allega illi l-Kunsill Lokali ma kienx prezenti ghas-smigh u ma kienx ipprovda *feedback* meta kien mitlub. Huwa zied jghid illi filwaqt li kien minnu illi hadd mill-Kunsill Lokali ma kien prezenti, l-istess Kunsill Lokali, inkluz huwa nnifsu kienu segwew mill-qrib kull zvilupp relatat mal-imsemmija applikazzjoni, tant illi, sa gimgha qabel kien attenda ghal laqgha ta' aktar minn saghtejn dwar l-istess materja. Is-Sur Aquilina informa lill-Kunsill Lokali illi l-applikazzjoni in-kwistjoni kienet *outline development application* u mhux *full development application* u ghaldaqstant kien ghad hemm process li permezz tieghu, il-Kunsill Lokali jkun jista' jiehu pozizzjoni aktar cara.

Is-Sa. Maria Sultana sahqet illi fl-opinjoni taghha kien xi ftit dizappuntanti l-fatt illi l-Kunsill Lokali ma hax pozizzjoni u hadd mill-Kunsill Lokali ma kien prezenti ghas-smigh. Hija ziedet tghid illi bhala Kunsilliera ma kenitx konxja mill-applikazzjoni bis-Sindku jirribatti illi l-informazzjoni kollha kienet pubblika u disponibbli sa minn Gunju 2022.

Is-Sur Vincent Bongailas qal illi filwaqt li kien jaqbel mas-Sindku, bhala l-Kunsillier responsabbli minn Smart City, kien jattendi regolarment il-laqghat li jsiru u ghalkemm ma kienx konxju mill-applikazzjoni ma' kienx kontra l-izvilupp. Huwa sahaq illi fl-opinjoni tieghu, fil-futur qarib il-Kunsill Lokali kellu jixtarr tajjeb l-izvilupp propost u jiehu pozizzjoni.

Segwiet diskussjoni libera li matulha fuq proposta tal-Kunsilliera Maria Sultana, gie deciz illi l-Kunsilliera kellhom jigu infurmati bl-applikazzjonijiet ghal zvilupp kollha

li jidhlu ghand l-Awtorita' tal- Ippjanar u li kienu jikkoncernaw il-lokalita' tal-Kalkara.

Is-Sindku kkonkluda billi ta' rendikont ta' dak li kien sehha b'konnessjoni mal-izvilupp ta' Smart City Malta sa mill-2008 u sahaq kif fost l-ohrajn matul l-ahhar snin kien hemm titjib konsiderevoli fejn jidhlu spazji miftuha u gonna meta mqabbla mal-proposti originali.

**Aggornament tal-laqgha**

Is-seduta giet fi tmiemha fis-2:15p.m. wara li giet ezawrita l-agenda

Konfermati, illum ______________________________

| | |
|---|---|
| ____________________ | ____________________ |
| **Wayne Aquilina** | **Duncan Hall** |
| Sindku | Deputat Segretarju Eżekuttiv |